DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1272

tat-30 ta' Lulju 2021

li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-iffaċilitar tad-dritt tal-moviment ħieles fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom meta l-Kummissjoni ssib li dawn iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu skont standards li jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri jridu japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li huma intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stabbilita f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2021/954, tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Wara talba mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan, fid-29 ta' Ġunju 2021 il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema tagħha "VA-EUDCC-GW" huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/953, li jippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema "VA-EUDCC-GW" fihom id-*data* meħtieġa.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2021, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan ipprovda informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 skont is-sistema bl-isem "VA-EUDCC-GW". L-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni li huwa jqis li ċ-ċertifikati tiegħu tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 qed jinħarġu f'konformità ma' sistema standard u teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema "VA-EUDCC-GW" fihom id-*data* msemmija fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(5) Minbarra dan, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni li se joħroġ ċertifikati tal-vaċċinazzjoni interoperabbli għall-vaċċin kontra l-COVID-19 Comirnaty.

(6) L-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa wkoll lill-Kummissjoni li se jaċċetta ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni, tat-test u tal-irkupru maħruġa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953. L-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni li se jaċċetta prova tal-vaċċinazzjoni għall-vaċċini b'awtorizzazzjoni fl-UE kollha (wara opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini), vaċċini li ngħataw awtorizzazzjoni temporanja ta' kummerċjalizzazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE u vaċċini li lestew il-proċedura tal-elenkar għall-użu ta' emerġenza tad-WHO. L-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni wkoll li se jaċċetta ċertifikati tat-test ibbażati fuq in-NAAT (eż. RT-PCR) u testijiet rapidi tal-antiġeni fuq il-lista tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa. L-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni wkoll li se jaċċetta ċertifikati ta' rkupru bbażati fuq NAAT (eż. RT-PCR).

(7) Fit-22 ta' Lulju 2021, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan informa lill-Kummissjoni wkoll li, meta jivverifika ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni, tat-testijiet u tal-irkupru maħruġa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953, id-*data* personali inkluża fiċ-ċertifikati għandha tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati l-vaċċinazzjoni, ir-riżultat tat-test jew l-irkupru tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(8) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema "VA-EUDCC-GW" għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema "VA-EUDCC-GW" jiġu aċċettati skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(10) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li l-Istat tal-Belt tal-Vatikan ikun konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(11) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi jew ittemm din id-Deċiżjoni jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(12) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-Istat tal-Belt tal-Vatikan ikun ikkollegat mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan f'konformità mas-sistema "VA-EUDCC-GW" għandhom, għall-fini tal-iffaċilitar tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 2

L-Istat tal-Belt tal-Vatikan għandu jkun konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN